MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 336/2003

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Frank Xuereb abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip "comprehensive"**
**vs**

**Max Palmier**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fis-7 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u disgha u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm149.50), rapprezentanti d-danni sofferti mill-assigurat taghha Frank Xuereb, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici, abbazi tal-polza tat-tip "comprehensive", bhala rizultat ta' l-incident li sehh nhar il-5 ta' Mejju, 2000 gewwa l-Malta International Airport meta l-konvenut li kien qieghed jimmanuvra l-"outer barrier" fejn ic-"check point" laqat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBF-985 proprjeta` ta' Frank Xuereb u misjuqa minn Clifford Cutajar, liema**

**incident sehh b'negligenza, imperizja u traskuragni da parti tal-konvenut;**
**Ghalkemm debitament interpellat jhallas l-ammont dovut, il-konvenut baqa' inadempjenti;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2002, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv, ilkoll kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Edward Saliba ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut ghar-ragunijiet indikati fl-avviz. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra' l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal jilqa' t-talba, jiddikjara lill-konvenut unikament hati ghall-incident li sehh u konsegwentement jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disgha u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm149.50) bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Frar, 2002 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------